

## I

(Atti leġislattivi)

## DEĊIŻONIJIET

## DEĊIŻJONI (UE) 2017/1324 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-4 ta' Lulju 2017

**dwar il-parteciċipazzjoni tal-Unjoni fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) li pparteciċipaw fiha b'mod konġunt diversi Stati Membri**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 188 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislativ intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew <sup>(1)</sup>,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja <sup>(2)</sup>,

Billi:

- (1) Fil-Komunikazzjoni tagħha tat-3 ta' Marzu 2010 bit-titolu: "Ewropa 2020: Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv", il-Kummissjoni saħqet dwar il-bżonn li jiġu żviluppati kundizzjonijiet favorevoli għall-investiment fl-għarfien u fl-innovazzjoni biex fl-Unjoni jinkiseb tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. Kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill approvaw dik l-istrateġija.
- (2) Permezz tar-riżoluzzjonijiet tagħha tat-28 ta' Lulju 2010 u t-18 ta' Diċembru 2013, l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti rrikonoxxiet id-dritt għal ilma tax-xorb sikur u nadif u s-sanitazzjoni bħala dritt tal-bniedem essenzjali biex wieħed igawdi l-ħajja b'mod sħiħ. Hija għamlet ukoll appell għar-realizzazzjoni progressiva tad-dritt tal-bniedem għal ilma tax-xorb sikur, filwaqt li enfasizzat ir-rwol importanti tal-kooperazzjoni internazzjonali f'dak il-kuntest.
- (3) Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(3)</sup> stabbilixxa l-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) ("Orizzont 2020"). Orizzont 2020 għandu l-għan li jkseb impatt akbar fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni billi jikkontribwixxi għat-tisħiħ tas-sħubiji pubbliċi-pubbliċi, inkluż permezz tal-parteciċipazzjoni tal-Unjoni fi programmi li daħlu għalihom b'mod konġunt diversi Stati Membri, bil-ħsieb li jkun hemm żvilupp sostenibbli.
- (4) Jenħtieġ li s-sħubiji pubbliċi-pubbliċi jkollhom l-għan li jiżviluppaw sinerġiji aktar mill-qrib, iżidu l-koordinazzjoni u jevitaw duplikazzjoni inutli mal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni tal-Unjoni, dawk internazzjonali, nazzjonali u dawk reġjonali, u jenħtieġ li josservaw għalkollox il-prinċipji ġenerali ta' Orizzont 2020, bil-għan li jsaħħu r-riċerka u l-innovazzjoni biex jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli, b'mod partikolari dawk relatati ma' approċċ miftuħ u t-trasparenza.
- (5) F'konformità mal-Artikolu 19(2) tar-Regolament (UE) Nru 1291/2013, l-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni mwettqa taħt is-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) għandhom jiffukaw esklużivament fuq l-applikazzjonijiet ċivili.

<sup>(1)</sup> ĠU C 125, 21.4.2017, p. 80.

<sup>(2)</sup> Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2017 (għadha mhijiex ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2017.

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

- (6) Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 identifika s-“Sigurtà tal-ikel, agrikoltura u forestrija sostenibbli, riċerka tal-baħar, marittima u tal-ilmijiet interni, u l-bijoeconomija” u “Azzjoni klimatika, ambjent, effiċjenza tar-riżorsi u l-materja prima” bħala tnejn mill-isfidi prijoritarji tas-soċjetà li għandhom jiġu indirizzati bl-appoġġ għall-investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni. Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 jirrikonoxxi li l-attivajiet ta’ riċerka u innovazzjoni għal dawk l-isfidi jitwettqu fil-livell tal-Unjoni u lil hinn, minħabba n-natura transnazzjonali u globali tal-klima u l-ambjent, l-iskala u l-kumplessità tagħhom u d-dimensjoni internazzjonali tal-katina ta’ provvista alimentari u agrikola.
- (7) Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 jirrikonoxxi li l-kooperazzjoni internazzjonali ma’ pajjiżi terzi hija meħtieġa biex l-isfidi komuni jiġu indirizzati b’mod effettiv. Il-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u fl-innovazzjoni hi aspett ewlieni tal-impenji globali tal-Unjoni u għandha rwol importanti fis-sħubija tal-Unjoni ma’ pajjiżi Ewropej tal-Viċinat. F’dak ir-rigward, iż-żona tal-Mediterran għandha importanza strateġika għall-Unjoni minn perspettiva politika, ekonomika, kulturali, xjentifika u ambjentali.
- (8) Bil-għan li tiġi żgurata konsistenza mar-Regolament (UE) Nru 1290/2013, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(1)</sup>, jenħtieġ li l-azzjonijiet li jaqgħu taħt il-kamp ta’ applikazzjoni ta’ din id-Deċiżjoni jirrispettaw id-drittijiet fundamentali u josservaw il-prinċipji rikonnoxxuti b’mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Jenħtieġ li dawn l-azzjonijiet jikkonformaw ma’ kwalunkwe obbligu legali li joħroġ mid-dritt internazzjonali u d-dritt tal-Unjoni, fost l-oħrajn ma’ kwalunkwe deċiżjoni rilevanti tal-Kummissjoni bħall-avviż tal-Kummissjoni tat-28 ta’ Ġunju 2013<sup>(2)</sup>, kif ukoll ma’ prinċipji eċiċi, li jinkludu li jiġi evitat li l-integrità tar-riċerka tiġi kompromessa bi kwalunkwe mod.
- (9) Fil-Komunikazzjoni tagħha tas-7 ta’ Ġunju 2016 dwar l-istabbiliment ta’ Qafas ta’ Sħubija ġdid ma’ pajjiżi terzi skont l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni, il-Kummissjoni enfasizzat il-ħtieġa li l-politiki kollha, inkluż dawk dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni, jindirizzaw il-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni permezz ta’ mudell ġdid ta’ kooperazzjoni li jinvolvi lill-investituri privati, kif ukoll il-ħtieġa li jiġu mobilizzati r-riżorsi baġitarji limitati u li tingħata attenzjoni speċjali lill-intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju (SMEs) u lill-infrastruttura sostenibbli.
- (10) PRIMA għandha l-għan li timplimenta programm konġunt li jipromwovi l-kapaċitajiet ta’ riċerka u innovazzjoni u jżviluppa l-għarfien u soluzzjonijiet innovattivi komuni għat-titjib tal-effiċjenza, is-sikurezza, is-sigurtà u s-sostenibbiltà tas-sistemi agroalimentari u tal-provvista u l-ġestjoni integrati tal-ilma fiż-żona tal-Mediterran. Jenħtieġ li PRIMA tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-Għanijiet ta’ Żvilupp Sostenibbli maqbula reċentement u għall-Istrateġija Ewropea għal Żvilupp Sostenibbli li jmiss, kif ukoll biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Ftehim ta’ Pariġi.
- (11) Il-provvista u l-ġestjoni integrati tal-ilma, inkluż l-użu mill-ġdid u t-ttrattament tal-ilma, ifisser li qed jiġu kkunsidrati l-użi kollha differenti tar-riżorsi tal-ilma.
- (12) Sistemi agroalimentari sostenibbli għandu jkollhom l-għan li jissodisfaw ir-rekwiżiti taċ-ċittadini u tal-ambjent għal ikel sikur, tajjeb għas-saħħa u bi prezz affordabbli, u li tagħmel l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-konsum tal-ikel u l-għalf aktar sostenibbli bl-għan li t-telf tal-ikel u l-ħela agroalimentari jiġu mminimizzati.
- (13) Fir-rigward tar-riżorsi tal-ilma u tas-sistemi agroalimentari, il-governanza miftuħa, demokratika u parteċipatorja hija kruċjali biex jiġi żgurat li jiġu implimentati s-soluzzjonijiet l-aktar kosteffettivi għall-benefiċċju tas-soċjetà kollha kemm hi.
- (14) Bil-ħsieb li tiġi żgurata l-parteċipazzjoni fi PRIMA minn pajjiżi terzi mhux assoċjati ma’ Orizzont 2020, jiġifieri l-Alġerija, l-Eġittu, il-Ġordan, il-Libanu u l-Marokk, hemm il-ħtieġa ta’ ftehimiet internazzjonali għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni u dawk il-pajjiżi terzi sabiex ir-reġim legali stabbilit b’din id-Deċiżjoni jiġi estiż għalihom.
- (15) F’konformità mal-oġġettivi ta’ Orizzont 2020, jenħtieġ li kwalunkwe Stat Membru u kwalunkwe pajjiż terz ieħor assoċjat ma’ Orizzont 2020 ikun intitolat jipparteċipa fi PRIMA jekk jimpenja ruħu li jikkontribwixxi għall-finanzjament ta’ PRIMA u li jieħu il-miżuri legiŝlattivi, regulatorji, amministrattivi u miżuri oħra meħtieġa għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

<sup>(1)</sup> Regolament (UE) Nru 1290/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Diċembru 2013 li jistabbilixxi r-regoli għal parteċipazzjoni u disseminazzjoni f’ “Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)” u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 81).

<sup>(2)</sup> ĠU C 205, 19.7.2013, p. 9.

- (16) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni konġunta ta' PRIMA, jenħtieġ li tiġi stabbilita struttura ta' implimentazzjoni ("PRIMA-IS"). Jenħtieġ li PRIMA-IS tkun ir-riċevitur tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni u jenħtieġ li tiżgura l-implimentazzjoni effiċjenti u trasparenti ta' PRIMA.
- (17) Sabiex jintlaħqu l-oġġettivi ta' PRIMA, jenħtieġ li kwalunkwe pajjiż terz ieħor mhux assoċjat ma' Orizzont 2020, b'mod partikolari l-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Mediterran, ikun jista' jipparteċipa jekk jimpenja ruħu li jikkontribwixxi għall-finanzjament ta' PRIMA u jekk PRIMA-IS tapprova l-parteċipazzjoni tiegħu. Jenħtieġ li l-parteċipazzjoni tiegħu tkun prevista wkoll fil-ftehim internazzjonali rilevanti għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn dan il-pajjiż terz u l-Unjoni.
- (18) Jenħtieġ li l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni tkun soġġetta għal impenji formali mill-Istati Parteċipanti li jikkontribwixxu għall-finanzjament ta' PRIMA u li jwettqu u jimplementaw dawk l-impenji f'konformità ma' din id-Deċiżjoni. Jenħtieġ li tingħata flessibilità lill-Istati Parteċipanti biex jikkontribwixxu finanzjarjament għal PRIMA-IS fuq bażi fakultattiva bil-ħsieb li jiffinanzjaw azzjonijiet indiretti, biex b'hekk jinkiseb livell għoli ta' integrazzjoni finanzjarja. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Parteċipanti jikkontribwixxu finanzjarjament jew in natura għall-attivitajiet implimentati mingħajr il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni u għall-baġit amministrattiv ta' PRIMA-IS li mhuwiex kopert mill-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni. Jenħtieġ li il-perijodu li matulu l-Istati Parteċipanti għandhom jipprovdu l-kontribuzzjoni tagħhom jiġi definit b'mod ċar.
- (19) Jenħtieġ li jiġi stabbilit livell massimu għall-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għal PRIMA b'finanzjament minn Orizzont 2020. Taħt dak il-livell massimu, jenħtieġ li l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni tkun daqs il-kontribuzzjoni tal-Istati Parteċipanti fi PRIMA bil-għan li jinkiseb effett ta' ingranaġġ qawwi u tkun żgurata integrazzjoni aktar b'saħħitha tal-programmi tal-Istati Parteċipanti. Għandu jkun possibbli li tintuża parti limitata mill-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni biex jiġu koperti l-ispejjeż amministrattivi ta' PRIMA-IS. Jenħtieġ li jiġi żgurat li jkun hemm amministrazzjoni effiċjenti ta' PRIMA u li l-ispejjeż amministrattivi jinżammu f'livell minimu.
- (20) Sabiex tiġi evitata implimentazzjoni mtawla ta' PRIMA, jenħtieġ li tiġi stabbilita skadenza għat-tnedija tal-attivitajiet finali li għandhom jiġu ffinanzjati, inkluż is-sejħiet finali għal proposti.
- (21) Jenħtieġ li l-attivitajiet ta' PRIMA jikkonformaw mal-oġġettivi u l-prijoritajiet ta' riċerka u innovazzjoni ta' Orizzont 2020 u mal-prinċipji ġenerali u l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 1291/2013. Jenħtieġ li PRIMA tikkunsidra d-definizzjonijiet tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp dwar il-Livell ta' Maturità Teknoloġika fil-klassifikazzjoni tar-riċerka teknoloġika, l-iżvilupp tal-prodotti u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni.
- (22) Jenħtieġ li PRIMA tappoġġa kull tip ta' attività ta' riċerka u innovazzjoni, inkluż proġetti ta' riċerka, ta' żvilupp u ta' innovazzjoni, dimostraruri innovattivi u impjanti pilota, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet, it-taħriġ, azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni u ta' disseminazzjoni, u l-mobbiltà tar-riċerkaturi, li jindirizzaw firxa wiesgħa ta' Livelli ta' Maturità Teknoloġika u tiżgura bilanċ xieraq bejn proġetti żgħar u kbar.
- (23) Sabiex isir impatt akbar, jenħtieġ li tinkiseb koerenza bejn PRIMA u proġetti oħra ta' riċerka u innovazzjoni taħt Orizzont 2020, bħall-Komunità ta' Konozzenza u Innovazzjoni fis-Settur Alimentari tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija ("Food KIC"), jew strumenti oħra tal-Unjoni, bħall-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija, u jenħtieġ li jiġu evitati duplikazzjonijiet possibbli.
- (24) Jenħtieġ li PRIMA tiġi implimentata abbażi ta' pjanijiet ta' ħidma annwali li jistabbilixxu l-attivitajiet li għandhom jitwettqu f'sena partikolari. Jenħtieġ li PRIMA-IS twettaq monitoraġġ regolari tar-riżultati tas-sejħiet għal proposti u tal-azzjonijiet li tiffinanzja, u ta' kemm ġew indirizzati b'mod adegwat is-suġġetti xjentifiċi, l-impatti mistennija u l-eċċess ta' skrizzjonijiet f'dak li jikkonċerna l-proposti li jaqbżu l-livell limitu u li ma setgħux jiġu ffinanzjati. F'każijiet iġġustifikati, jenħtieġ li PRIMA-IS tieħu azzjonijiet korrettivi billi temenda l-pjan ta' ħidma annwali jew fi pjanijiet ta' ħidma annwali sussegwenti.
- (25) Sabiex jintlaħqu l-oġġettivi ta' PRIMA, jenħtieġ li PRIMA-IS tipprovdi appoġġ finanzjarju prinċipalment fil-forma ta' għotjiet lill-parteċipanti, għall-azzjonijiet iffinanzjati minn PRIMA-IS. Jenħtieġ li dawk l-azzjonijiet jintgħażlu wara sejħiet għal proposti miftuħa u kompetittivi taħt ir-responsabbiltà ta' PRIMA-IS.
- (26) Jenħtieġ li l-ostakli li jxekklu l-parteċipazzjoni ta' msieħba ġodda fl-attivitajiet ta' PRIMA jiġu mmonitorjati u indirizzati.

- (27) Fl-ilħuq tal-oġġettivi ta' PRIMA, u f'konformità mar-regoli u l-prinċipji applikabbli, bħall-prinċipju tal-eċċellenza xjentifika, jenħtieġ li PRIMA-IS ikollha l-għan li tipprowdi, permezz tal-pjan ta' ħidma annwali, sehem adegwat tal-finanzjament tagħha, ta' madwar 25 % tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni, li jirrifletti l-impjenji tal-Pajjiżi Sħab Mediterranji lejn PRIMA, lill-entitajiet legali stabbiliti f'pajjiżi terzi mmirati meqjusa li jkunu Stati Parteċipanti.
- (28) Jenħtieġ ukoll li s-sejħiet għal proposti ġestiti minn PRIMA-IS jiġu ppubblikati fuq il-portal uniku għall-parteċipanti, kif ukoll permezz ta' mezzi elettroniċi oħra ta' disseminazzjoni fi ħdan Orizzont 2020 ġestiti mill-Kummissjoni.
- (29) Jenħtieġ li PRIMA-IS tqiegħed l-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet iffinanzjati għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.
- (30) Jenħtieġ li l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni tiġi ġestita f'konformità mal-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba u mar-regoli dwar il-ġestjoni indiretta stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup> u r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 <sup>(2)</sup>.
- (31) Sabiex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha d-dritt li tittermina, tnaqqas jew tissospendi l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni jekk PRIMA tiġi implimentata b'mod inadegwat, parzjalment jew tard, jew jekk l-Istati Parteċipanti ma jikkontribwixxux, jew jikkontribwixxu parzjalment jew tard, għall-finanzjament ta' PRIMA.
- (32) B'mod allinjat mal-għan ġenerali ta' Orizzont 2020 li tinkiseb aktar simplifikazzjoni, jenħtieġ li jiġu evitati settijiet ta' regoli li jkunu differenti minn dawk ta' Orizzont 2020. Għalhekk, il-parteċipazzjoni f'azzjonijiet indiretti ffinanzjati minn PRIMA-IS hi soġġetta għar-Regolament (UE) Nru 1290/2013. Madankollu, minħabba l-oġġettivi uniċi u l-bżonnijiet operattivi speċifiċi ta' PRIMA, jenħtieġ li jiġi previst numru limitat ta' derogi f'konformità mal-Artikolu 1(3) ta' dak ir-Regolament.
- (33) Sabiex jittieħed kont tal-ispeċifità jiet li jirriżultaw mill-ambitu ġeografiku ta' PRIMA, huma neċessarji derogi mill-punt (b) tal-Artikolu 9(1) u mill-Artikolu 9(3) tar-Regolament (UE) Nru 1290/2013 biex jiġu aġġustati l-kondizzjonijiet minimi ta' eliġibbiltà għall-parteċipazzjoni f'azzjonijiet indiretti. B'mod partikolari, sabiex isir adattament għall-ispeċifità jiet ta' PRIMA, jenħtieġ li b'deroga mill-punt (b) tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) Nru 1290/2013, in-numru minimu ta' parteċipanti ikun ta' tliet entitajiet legali stabbiliti fi tliet Stati Parteċipanti differenti, biex b'hekk titrawwem kooperazzjoni Ewro-Mediterranja bbilanċjata. Hija wkoll neċessarja deroga mill-Artikolu 9(3) tar-Regolament (UE) Nru 1290/2013 sabiex jiġi żgurat li l-kondizzjonijiet minimi tal-eliġibbiltà għall-parteċipazzjoni f'azzjonijiet indiretti ma jiddiskriminawx kontra entitajiet stabbiliti f'pajjiżi terzi li jkunu Stati Parteċipanti.
- (34) Huma neċessarji derogi mill-Artikolu 10(1) u (2) tar-Regolament (UE) Nru 1290/2013 sabiex jiġi żgurat li, bħala regola ġenerali, ikunu biss eliġibbli għall-finanzjament l-entitajiet legali stabbiliti fi Stat Parteċipanti jew maħluqa taħt il-liġi tal-Unjoni, jew organizzazzjonijiet internazzjonali ta' interess Ewropew. Madankollu, jenħtieġ li PRIMA-IS tkun tista' wkoll tiffinanzja l-benefiċjarji stabbiliti f'pajjiżi li mhux Stat Parteċipanti, dment li tali parteċipazzjoni titqies li hi essenzjali minn PRIMA-IS jew jekk il-finanzjament ikun previst skont ftehim jew arrangement internazzjonali. Jenħtieġ li l-parteċipazzjoni ta' dawn l-entitajiet tiġi mmonitorjata minn PRIMA-IS.
- (35) Għall-fini ta' simplifikazzjoni, jenħtieġ li l-piż amministrattiv ikun strettament proporzjonat mal-effetti prevedibbli fuq il-partijiet kollha. Jenħtieġ li jiġu evitati awditi doppji u dokumentazzjoni jew rapportar li jkollhom piż sproporzjonat. Meta jsiru l-awditi, jenħtieġ li jiġu kkunsidrati l-ispeċifità jiet tal-programmi nazzjonali, kif xieraq.
- (36) Jenħtieġ li l-awditi ta' riċevituri ta' fondi tal-Unjoni previsti f'konformità ma' din id-Deċiżjoni jiżguraw li l-piż amministrattiv jitnaqqas, f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1291/2013.
- (37) Jenħtieġ li l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati tul iċ-ċiklu tal-infiq kollu, inkluż il-prevenzjoni, il-kxif u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa ħażin jew użati ħażin u, meta xieraq, sanzjonijiet amministrattivi f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1).

- (38) Jenħtieġ li l-Kummissjoni, filwaqt li tqis il-fehmiet tal-Istati Parteċipanti kif ukoll il-fehmiet espressi minn firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati, twestaq evalwazzjoni interim fejn b'mod partikolari tivvaluta l-kwalità u l-effiċjenza ta' PRIMA u l-progress li jkun sar fir-rigward tal-oġettivi stabbiliti, u evalwazzjoni finali, u jenħtieġ li tħejji rapporti dwar dawk l-evalwazzjonijiet.
- (39) Fuq talba mill-Kummissjoni, jenħtieġ li PRIMA-IS u l-Istati Parteċipanti jressqu kwalunkwe informazzjoni li l-Kummissjoni għandha b'żonn tinkludi fir-rapporti dwar l-evalwazzjoni ta' PRIMA u jenħtieġ li, għal dan il-fini, jiġu mħeġġa jużaw format armonizzat.
- (40) L-oġettiv ta' din id-Deċiżjoni huwa li ssaħħaħ l-integrazzjoni u l-allinjament tas-sistemi u l-attivitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-pajjiżi Mediterranji fl-oqsma tas-sistemi agroalimentari, biex dawn isiru sostenibbli, u tal-provvista u l-ġestjoni integrati tal-ilma. L-iskala tar-riċerka u l-innovazzjoni meħtieġa biex jiġu indirizzati l-isfidi fiż-żona tal-Mediterran hija immensa minħabba n-natura sistemika tal-ostakoli ewlenin. L-ambitu tar-riċerka u tal-innovazzjoni huwa kumpless, multidixxiplinarju u jeħtieġ approċċ transkonfinali u li jinvolvi lil diversi atturi. Approċċ kollaborattiv b'sett wiesa' ta' Stati Parteċipanti jista' jgħin biex iżid l-iskala u l-ambitu meħtieġa, billi jinġabru flimkien ir-riżorsi finanzjarji u intellettuali. Billi l-oġettiv ta' din id-Deċiżjoni ma jstax jintlaħaq suffiċjentement mill-Istati Membri, iżda jista' pjuttost, billi jiġu integrati l-isforzi nazzjonali f'approċċ konsistenti tal-Unjoni, billi jingħaqdu flimkien programmi nazzjonali ta' riċerka u ta' innovazzjoni li huma kompartmentalizzati, billi tingħata għajnuna biex jitfasslu strateġiji komuni tar-riċerka u l-finanzjament lil hinn mill-konfini nazzjonali, u billi tinkiseb il-massa kritika ta' atturi u ta' investimenti meħtieġa, jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li hu neċessarju biex jintlaħaq dak l-oġettiv.
- (41) Għalhekk, jenħtieġ li l-Unjoni tipparteċipa fi PRIMA,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### Artikolu 1

### Parteċipazzjoni fi PRIMA

1. L-Unjoni għandha tipparteċipa fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran ("PRIMA"), li pparteċipaw fiha b'mod konġunt il-Kroazja, Ċipru, Franza, il-Ġermanja, il-Ġreċja, Iżrael, l-Italja, il-Lussemburgu, Malta, il-Portugall, is-Slovenja, Spanja, it-Tuneżija u t-Turkija ("Stati Parteċipanti"), f'konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni.
2. L-Alġerija, l-Eġittu, il-Ġordan, il-Libanu u l-Marokk għandhom isiru Stati Parteċipanti soġġett għall-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika mal-Unjoni li jistabbilixxu t-termini u l-kondizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tagħhom fi PRIMA.
3. Kwalunkwe Stat Membru u kwalunkwe pajjiż terz assoċjat ma' Orizzont 2020, għajr xi wieħed minn dawk elenkati fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, jista' jieħu sehem fi PRIMA dment li jissodisfa l-kondizzjoni stabbilita fil-punt (c) tal-Artikolu 4(1) u li jikkonforma, b'mod partikolari, mal-Artikolu 11(5).

Stati Membri u pajjiżi terzi assoċjati ma' Orizzont 2020 li jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-ewwel subparagrafu għandhom jitqiesu li jkunu Stati Parteċipanti għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni.

4. Kwalunkwe pajjiż terz mhux assoċjat ma' Orizzont 2020, għajr xi wieħed minn dawk elenkati fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, jista' jipparteċipa fi PRIMA dment li:
  - (a) jissodisfa l-kondizzjoni stabbilita fil-punt (c) tal-Artikolu 4(1) u jikkonforma, b'mod partikolari, mal-Artikolu 11(5);
  - (b) l-istruttura ta' implimentazzjoni għall-PRIMA ("PRIMA-IS") tapprova l-parteċipazzjoni tiegħu fi PRIMA wara li tkun eżaminat ir-rilevanza tal-parteċipazzjoni tiegħu biex jintlaħqu l-oġettivi ta' PRIMA; u
  - (c) jikkonkludi ftehim internazzjonali għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika mal-Unjoni li jistabbilixxi t-termini u l-kondizzjonijiet tal-parteċipazzjoni tiegħu fi PRIMA.

Pajjiżi terzi li jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-ewwel subparagrafu għandhom jitqiesu li jkunu Stati Parteċipanti għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni.

## Artikolu 2

### Objettivi ta' PRIMA

1. F'konformità mal-prijoritajiet ta' Orizzont 2020, l-objettivi ġenerali ta' PRIMA huma li jinbnew il-kapaċitajiet ta' riċerka u innovazzjoni u li jiġu żviluppati l-għarfien u soluzzjonijiet innovattivi komuni għas-sistemi agroalimentari, biex dawn isiru sostenibbli, u għall-provvista u l-ġestjoni integrati tal-ilma fiż-żona tal-Mediterran, biex daww is-sistemi u dik il-provvista u l-ġestjoni jsiru aktar reżiljenti għall-klima, effiċjenti, kosteffettivi u ambjentalment u soċjalment sostenibbli, u biex isir kontribut biex tinstab soluzzjoni upstream għal problemi marbutin mal-iskarsezza tal-ilma, is-sikurezza alimentari, in-nutrizzjoni, is-saħħa, il-benesseri u l-migrazzjoni.
2. Sabiex tikkontribwixxi għall-objettivi ġenerali stabbiliti fil-paragrafu 1, PRIMA għandha tissodisfa l-objettivi speċifiċi li ġejjin:
  - (a) il-formulazzjoni ta' aġenda strateġika fit-tul u komuni fil-qasam tas-sistemi agroalimentari, biex dawn isiru sostenibbli, u fil-qasam tal-provvista u l-ġestjoni integrati tal-ilma;
  - (b) l-orjentazzjoni ta' programmi nazzjonali rilevanti fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni lejn l-implimentazzjoni tal-aġenda strateġika;
  - (c) l-involvement tal-atturi rilevanti kollha mis-settur pubbliku u dak privat fl-implimentazzjoni tal-aġenda strateġika billi jinġabru flimkien l-għarfien u r-riżorsi finanzjarji biex tinkiseb il-massa kritika meħtieġa;
  - (d) it-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' finanzjament tar-riċerka u l-innovazzjoni u tal-kapaċitajiet ta' implimentazzjoni tal-atturi kollha involuti, inkluż l-SMEs, is-settur akkademiku, l-organizzazzjonijiet nongovernattivi u ċ-ċentri ta' riċerka lokali.

## Artikolu 3

### Kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għal PRIMA

1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni, inkluż l-appropriazzjonijiet tal-EFTA, għandha tkun daqs il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Parteċipanti għal PRIMA. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni ma għandhiex taqbeż l-EUR 220 000 000.
2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha titħallas mill-appropriazzjonijiet fil-baġit ġenerali tal-Unjoni allokatu għall-partijiet rilevanti tal-programm speċifiku li jimplementa Orizzont 2020, stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari mill-Parti II "Tmexxija industrijali" u mill-Parti III "Sfidi tas-soċjetà", f'konformità mal-punt (c)(vi) tal-Artikolu 58(1) u l-Artikoli 60 u 61 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.
3. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tintuża minn -PRIMA-IS biex:
  - (a) tiffinanzja l-attivitajiet imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 6(1);
  - (b) tkopri l-ispejjeż amministrattivi ta' PRIMA-IS, sa massimu ta' 6 % tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

## Artikolu 4

### Kondizzjonijiet għall-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għal PRIMA

1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 3(1) għandha tingħata b'dawn il-kondizzjonijiet:
  - (a) l-Istati Parteċipanti għandhom juru li PRIMA ġiet stabbilita f'konformità ma' din id-Deċiżjoni;
  - (b) l-Istati Parteċipanti, jew l-organizzazzjonijiet maħturin mill-Istati Parteċipanti, għandhom jinnominaw entità b'personalità ġuridika, kif imsemmi fil-punt (c)(vi) tal-Artikolu 58(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, bħala PRIMA-IS, li għandha tkun responsabbli biex timplimenta PRIMA b'mod effiċjenti, biex tirċievi, talloka u timmonitorja l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 3(1) ta' din id-Deċiżjoni kif ukoll il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Parteċipanti, fejn xieraq, u biex tiżgura li jitwettqu l-azzjonijiet kollha meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi ta' PRIMA;

<sup>(1)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplementa Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

- (c) kull Stat Parteċipanti għandu jimpenja ruħu li jikkontribwixxi għall-finanzjament ta' PRIMA b'kontribuzzjoni adegwata mir-riżorsi nazzjonali rilevanti għall-oġġettivi ta' PRIMA;
  - (d) PRIMA-IS għandha turi li hija kapaċi timplimenta PRIMA, inkluż li tirċievi, talloka u twestaq monitoraġġ b'rabta mal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 3(1) ta' din id-Deċiżjoni fil-qafas tal-ġestjoni indiretta tal-baġit tal-Unjoni f'konformità mal-Artikoli 58, 60 u 61 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012;
  - (e) l-istabbiliment ta' mudell ta' governanza effiċjenti għal PRIMA f'konformità mal-Artikolu 12;
  - (f) l-adozzjoni minn PRIMA-IS, wara li tikseb approvazzjoni mill-Kummissjoni, tal-prinċipji komuni msemmija fl-Artikolu 6(9).
2. Matul l-implimentazzjoni ta' PRIMA, il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 3(1) għandha wkoll tingħata b'dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin:
- (a) l-implimentazzjoni minn PRIMA-IS tal-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 2, u tal-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 6;
  - (b) iż-żamma ta' mudell ta' governanza xieraq u effiċjenti f'konformità mal-Artikolu 12;
  - (c) il-konformità ta' PRIMA-IS mar-rekwiżiti tar-rappurtar stabbiliti fl-Artikolu 60(5) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012;
  - (d) it-tweġġ mill-Istati Parteċipanti tal-impenji msemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.
3. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta t-tweġġ tal-impenji meħudin mill-Istati Parteċipanti, b'mod partikolari permezz tal-ewwel żewġ pjanijiet ta' ħidma annwali. Wara dik il-valutazzjoni, il-kontribuzzjoni finanzjarja massima tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 3(1) tista' tiġi rieżaminata f'konformità mal-Artikolu 9.

#### Artikolu 5

### Kontribuzzjonijiet tal-Istati Parteċipanti għal PRIMA

1. L-Istati Parteċipanti għandhom jagħmlu l-arranġamenti biex huma, jew il-korpi ta' finanzjament nazzjonali tagħhom, jagħmlu kontribuzzjonijiet, finanzjarji jew in natura, ta' mill-inqas EUR 220 000 000 matul il-perijodu mis-7 ta' Awwissu 2017 sal-31 ta' Diċembru 2028.
2. Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Parteċipanti għandhom jikkonsistu minn dawn li ġejjin:
  - (a) fejn xieraq, kontribuzzjonijiet finanzjarji għal PRIMA-IS bil-ħsieb tal-finanzjament tal-azzjonijiet indiretti msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 6(1);
  - (b) kontribuzzjonijiet finanzjarji jew in natura għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 6(1); u
  - (c) kontribuzzjonijiet finanzjarji jew in natura għall-baġit amministrattiv ta' PRIMA-IS mhux koperti mill-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni kif stabbilit fil-punt (b) tal-Artikolu 3(3).
3. Il-kontribuzzjonijiet in natura msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jikkonsistu mill-ispejjeż li l-Istati Parteċipanti jġarrbu fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 6(1), wara li titnaqqas kwalunkwe kontribuzzjoni finanzjarja diretta jew indiretta tal-Unjoni għal dawk l-ispejjeż.
4. Il-kontribuzzjonijiet in natura msemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 2 għandhom jikkonsistu mill-ispejjeż li l-Istati Parteċipanti jġarrbu b'rabta mal-baġit amministrattiv ta' PRIMA-IS, wara li titnaqqas kwalunkwe kontribuzzjoni finanzjarja diretta jew indiretta tal-Unjoni għal dawk l-ispejjeż.
5. Għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-kontribuzzjonijiet in natura msemmija fil-punti (b) u (c) tal-paragrafu 2, l-ispejjeż għandhom jiġu ddeterminati f'konformità mal-prattiki kontabilistiċi normali tal-Istati Parteċipanti jew tal-korpi ta' finanzjament nazzjonali kkonċernati, l-istandards kontabilistiċi applikabbli tal-Istat Parteċipanti fejn hemm stabbiliti l-korpi ta' finanzjament nazzjonali kkonċernati u l-istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà u l-istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju applikabbli. L-ispejjeż għandhom jiġu ċċertifikati minn awditur indipendenti maħtur mill-Istati Parteċipanti jew mill-korpi ta' finanzjament nazzjonali kkonċernati. Jekk ikun hemm xi inċertezza li tirriżulta miċ-ċertifikazzjoni, il-metodu tal-valutazzjoni jista' jiġi vverifikat minn PRIMA-IS. Fil-każ li jifdal xi inċertezzi, il-metodu tal-valutazzjoni jista' jiġi awditat minn PRIMA-IS.

6. Il-kontribuzzjonijiet imsemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu li jgħoddu bħala kontribuzzjonijiet mill-Istati Parteċipanti għandhom isiru wara l-adozzjoni tal-pjan ta' ħidma annwali. Jekk il-pjan ta' ħidma annwali jiġi adottat matul is-sena ta' referenza msemmija fl-Artikolu 6(2), il-kontribuzzjonijiet imsemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu li jgħoddu bħala kontribuzzjonijiet mill-Istati Parteċipanti inklużi fil-pjan ta' ħidma annwali, jistgħu jinkludu l-kontribuzzjonijiet li jkunu saru mill-1 ta' Jannar ta' dik is-sena. Madankollu, il-kontribuzzjonijiet imsemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu li jgħoddu bħala kontribuzzjonijiet mill-Istati Parteċipanti inklużi fl-ewwel pjan ta' ħidma annwali, jistgħu jinkludu kontribuzzjonijiet li jkunu saru wara s-7 ta' Awwissu 2017.

#### Artikolu 6

### Attivitajiet u implimentazzjoni ta' PRIMA

1. PRIMA għandha tappoġġa firxa wiesgħa ta' attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni, kif deskritt fil-pjan ta' ħidma annwali tagħha, permezz ta':

(a) azzjonijiet indiretti fit-tifsira tar-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 iffinanzjati minn PRIMA-IS f'konformita' mal-Artikolu 7 ta' din id- Deċiżjoni, prinċipalment fil-forma ta' għotjiet wara sejħiet għal proposti transnazzjonali, miftuħa u kompetittivi, organizzati minn PRIMA-IS, inkluż:

(i) azzjonijiet ta' riċerka u innovazzjoni, kif ukoll azzjonijiet ta' innovazzjoni;

(ii) azzjonijiet ta' koordinazzjoni u appoġġ li jiffokaw fuq id-disseminazzjoni u l-komunikazzjoni għall-promozzjoni ta' PRIMA u biex jiġu massimizzati l-impatti tagħha;

(b) attivitajiet iffinanzjati mill-Istati Parteċipanti mingħajr il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 3(1) li jikkonsistu fi:

(i) attivitajiet magħżula wara sejħiet għal proposti transnazzjonali, miftuħa u kompetittivi, organizzati minn PRIMA-IS, ġestiti mill-korpi ta' finanzjament nazzjonali taħt il-programmi nazzjonali tal-Istati Parteċipanti, li jipprovdu appoġġ finanzjarju prinċipalment fil-forma ta' għotjiet;

(ii) attivitajiet taħt il-programmi nazzjonali tal-Istati Parteċipanti inkluż proġetti transnazzjonali.

2. PRIMA għandha tiġi implimentata abbażi ta' pjanijiet ta' ħidma annwali li jkopru l-attivitajiet li għandhom jitwettqu fil-perijodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru ta' sena partikolari ("sena ta' referenza"). PRIMA-IS għandha tadotta l-pjanijiet ta' ħidma annwali sal-31 ta' Marzu tas-sena ta' referenza, wara li tikseb approvazzjoni mill-Kummissjoni. Fl-adozzjoni tal-pjanijiet ta' ħidma annwali, kemm PRIMA-IS kif ukoll il-Kummissjoni għandhom jaġixxu mingħajr dewmien żejjed. PRIMA-IS għandha tqiegheed il-pjan ta' ħidma annwali għad-dispozzjoni tal-pubbliku.

3. L-attivitajiet imsemmija fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 jistgħu jitniedu biss fis-sena ta' referenza u biss wara l-adozzjoni tal-pjan ta' ħidma annwali għal dik is-sena.

4. Jekk il-pjan ta' ħidma annwali jiġi adottat matul is-sena ta' referenza, il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 3(1) tista' tintuża biex tirrimborża l-ispejjeż amministrattivi ta' PRIMA-IS imgarra mill-1 ta' Jannar ta' dik is-sena ta' referenza f'konformita' mal-pjan ta' ħidma annwali. Madankollu, il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 3(1) tista' tirrimborża l-ispejjeż amministrattivi ta' PRIMA-IS imgarra mis-7 ta' Awwissu 2017 f'konformita' mal-ewwel pjan ta' ħidma annwali.

5. L-attivitajiet jistgħu jiġu ffinanzjati biss taħt PRIMA jekk dawn ikunu stabbiliti fil-pjan ta' ħidma annwali. Il-pjan ta' ħidma annwali għandu jiddistingwi bejn l-attivitajiet imsemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-attivitajiet imsemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-ispejjeż amministrattivi ta' PRIMA-IS. Huwa għandu jipprevedi l-istimi tal-infiq korrispondenti tagħhom kif ukoll l-allokazzjoni baġitarja għal attivitajiet iffinanzjati bil-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 3(1) u għal attivitajiet iffinanzjati mill-Istati Parteċipanti mingħajr il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 3(1). Il-pjan ta' ħidma annwali għandu jinkludi wkoll il-valur stmat tal-kontribuzzjonijiet in natura tal-Istati Parteċipanti, imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 5(2).

6. Il-pjanijiet ta' ħidma annwali emendati għal sena ta' referenza u l-pjanijiet ta' ħidma annwali għas-sena ta' referenza sussegwenti għandhom iqisu r-riżultati ta' sejħiet preċedenti għal proposti. Huma għandhom jippruvaw jindirizzaw il-kopertura insuffiċjenti ta' suġġetti xjentifiċi b'mod partikolari dawk indirizzati inizjalment fl-attivitajiet skont il-punt (b) tal-paragrafu 1 li ma setgħux jiġu ffinanzjati b'mod adegwat.

7. L-attivitajiet finali li għandhom jiġu ffinanzjati, inkluż is-sejħiet finali għal proposti skont il-pjanijiet ta' ħidma annwali rilevanti għandhom jitniedu sal-31 ta' Diċembru 2024. F'każijiet debitament iġġustifikati, dawn jistgħu jitniedu sal-31 ta' Diċembru 2025.



8. L-attivitajiet li għandhom jiġu ffinanzjati mill-Istati Parteċipanti mingħajr il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 3(1) jistgħu jiġu inklużi fil-pjan ta' ħidma annwali biss wara l-eżitu pożittiv tal-evalwazzjoni indipendenti esterna tagħhom minn evalwazzjoni internazzjonali bejn il-pari fir-rigward tal-oġġettivi ta' PRIMA, kif organizzata minn PRIMA-IS.

9. L-attivitajiet inklużi fil-pjan ta' ħidma annwali li huma ffinanzjati mill-Istati Parteċipanti mingħajr il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 3(1) għandhom jiġu implimentati f'konformità ma' prinċipji komuni li għandhom jiġu adottati minn PRIMA-IS, wara li tinkiseb l-approvazzjoni mill-Kummissjoni. Il-prinċipji komuni għandhom iqisu l-prinċipji stabbiliti f'din id-Deċiżjoni, fit-Titolu VI tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 u fir-Regolament (UE) Nru 1290/2013, b'mod partikolari l-prinċipji ta' trattament ugwali, trasparenza, ta' evalwazzjoni indipendenti bejn il-pari u tal-għażla. PRIMA-IS għandha tadotta wkoll, wara li tikseb approvazzjoni mill-Kummissjoni, ir-rekwiżiti ta' rapportar tal-Istati Parteċipanti fi PRIMA-IS, fosthom fir-rigward tal-indikaturi inklużi f'kull waħda minn dawk l-attivitajiet.

10. L-attivitajiet imsemmija fil-punt (b)(i) tal-paragrafu 1 għandhom, flimkien mal-prinċipji komuni msemmija fil-paragrafu 9, jikkonformaw mal-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-proposti għandhom ikunu għal proġetti transnazzjonali, bil-parteċipazzjoni minima ta' mill-inqas tliet entitajiet legali indipendenti stabbiliti fi tliet pajjiżi differenti meqjusa li jkunu Stati Parteċipanti f'konformità ma' din id-Deċiżjoni sad-data ta' skadenza għall-preżentazzjoni skont is-sejħa għal proposti rilevanti, li minnhom:

(i) mill-inqas waħda tkun stabbilita fi Stat Membru jew f'pajjiż terz assoċjat ma' Orizzont 2020 u ma taqax taħt il-punt (ii); u

(ii) mill-inqas waħda tkun stabbilita f'pajjiż terz elenkat fl-Artikolu 1(2), jew f'pajjiż terz b'konfini mal-Baħar Mediterran;

(b) il-proposti għandhom jintgħażlu wara sejħiet għal proposti transnazzjonali u għandhom jiġu evalwati bl-għajjn ta' mill-inqas tliet esperti indipendenti, abbażi tal-kriterji tal-għoti li ġejjin: l-eċċellenza, l-impatt u l-kwalità u l-effiċjenza tal-implimentazzjoni;

(c) il-proposti għandhom jiġu kklassifikati skont ir-riżultati tal-evalwazzjoni. L-għażla għandha ssir minn PRIMA-IS u għandha ssegwi dik il-klassifikazzjoni. L-Istati Parteċipanti għandhom jaqblu dwar mod ta' finanzjament adegwat li jippermetti l-akbar numru possibbli ta' proposti li jaqbżu l-limitu u li għandhom jiġu ffinanzjati abbażi ta' dik il-klassifikazzjoni, b'mod partikolari billi jiġu pprovduti ammonti ta' riżerva għall-kontribuzzjonijiet nazzjonali għas-sejħiet għal proposti. Fil-każ li proġett wieħed jew aktar ma jkunux jistgħu jiġu ffinanzjati, jistgħu jintgħażlu l-proġetti li jseguhom direttament fil-klassifikazzjoni.

11. PRIMA-IS għandha twettaq monitoraġġ u tirrapporta lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-attivitajiet kollha inklużi fil-pjan ta' ħidma annwali.

12. Kwalunkwe komunikazzjoni jew pubblikazzjoni relatata mal-attivitajiet ta' PRIMA, u li ssir f'kooperazzjoni ma' PRIMA, kemm jekk titwettaq minn PRIMA-IS, minn Stat Parteċipanti jew il-korpi ta' finanzjament nazzjonali tiegħu, jew parteċipanti f'attività, għandu jkollha t-tikketta jew il-kotikketta li ġejja: "[isem l-attività] hi parti mill-programm PRIMA appoġġat mill-Unjoni Ewropea".

#### Artikolu 7

### Regoli għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni

1. PRIMA-IS għandha titqies bħala korp ta' finanzjament fit-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 1290/2013 u għandha tipprovdi appoġġ finanzjarju għall-azzjonijiet indiretti msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 6(1) ta' din id-Deċiżjoni f'konformità mar-regoli stabbiliti f'dak ir-Regolament, soġġett għad-deroġi stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. B'deroga mill-punt (b) tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) Nru 1290/2013, in-numru minimu ta' parteċipanti għandu jkun ta' tliet entitajiet legali stabbiliti fi tliet pajjiżi differenti meqjusa li jkunu Stati Parteċipanti f'konformità ma' din id-Deċiżjoni, sad-data ta' skadenza għall-preżentazzjoni skont is-sejħa għal proposti rilevanti, li minnhom:

(a) mill-inqas waħda tkun stabbilita fi Stat Membru jew f'pajjiż terz assoċjat ma' Orizzont 2020 u ma taqax taħt il-punt (b); u

(b) mill-inqas waħda tkun stabbilita f'pajjiż terz elenkat fl-Artikolu 1(2), jew f'pajjiż terz b'konfini mal-Baħar Mediterran.

3. B'deroga mill-Artikolu 9(3) tar-Regolament (UE) Nru 1290/2013, f'każijiet debitament iġġustifikati previsti fil-pjan ta' ħidma annwali, il-kondizzjoni minima għandha tkun il-parteċipazzjoni ta' entità legali waħda stabbilita fi Stat Parteċipanti f'konformità ma' din id-Deċiżjoni sad-data ta' skadenza għall-preżentazzjoni skont is-sejħa għal proposti rilevanti.
4. B'deroga mill-Artikolu 10(1) u (2) tar-Regolament (UE) Nru 1290/2013, il-parteċipanti li ġejjin huma eliġibbli għall-finanzjament minn PRIMA-IS:
  - (a) kwalunkwe entità legali stabbilita fi Stat Parteċipanti jew maħluqa skont il-liġi tal-Unjoni;
  - (b) kwalunkwe organizzazzjoni internazzjonali ta' interess Ewropew, kif definit fil-punt (12) tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) Nru 1290/2013.
5. Fil-każ ta' organizzazzjoni internazzjonali parteċipanti jew ta' entità legali parteċipanti stabbilita f'pajjiż li mhuwiex Stat Parteċipanti, li l-ebda waħda minnhom ma tkun eliġibbli għal finanzjament skont il paragrafu 4, il-finanzjament minn PRIMA-IS jista' jingħata sakemm waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin tkun issodisfata:
  - (a) PRIMA-IS tqis li l-parteċipazzjoni hi essenzjali għat-twettiq tal-azzjoni;
  - (b) tali finanzjament jiġi previst taħt ftehim xjentifiku u teknoloġiku bilaterali jew f'xi arranġament ieħor bejn l-Unjoni u l-organizzazzjoni internazzjonali jew, għal entitajiet stabbiliti f'pajjiż li mhuwiex Stat Parteċipanti, il-pajjiż li fih l-entità legali tkun stabbilita.
6. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, għar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1268/2012 u għar-Regolament (UE) Nru 1290/2013, il-mudell ta' ftehim ta' għotja applikabbli jista' jstipula li anke entitajiet legali stabbiliti f'pajjiżi li ma jkunux Stati Parteċipanti u li jirċievu finanzjament minn PRIMA-IS għandhom jipprovdu garanziji finanzjarji xierqa.
7. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) Nru 1290/2013, u b'kont meħud tal-ispeċifità jiet ta' PRIMA, PRIMA-IS tista' tintroduċi fil-pjanijiet ta' ħidma annwali, kondizzjoni addizzjonali għall-parteċipazzjoni sabiex tindirizza t-tip ta' entitajiet li jistgħu jkunu koordinaturi ta' azzjonijiet indiretti.

#### Artikolu 8

#### Ftehimiet bejn l-Unjoni u PRIMA-IS

1. Soġġett għal valutazzjoni *ex ante* pożittiva ta' PRIMA-IS f'konformità mal-Artikolu 61(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 u l-għoti ta' garanziji finanzjarji adegwati f'konformità mal-punt (c)(vi) tal-Artikolu 58(1) ta' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni, fisem l-Unjoni, għandha tikkonkludi ftehim ta' delega u ftehimiet annwali għat-trasferiment ta' fondi ma' PRIMA-IS.
2. Il-ftehim ta' delega msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jiġi konkluż f'konformità mal-Artikolu 58(3) u l-Artikoli 60 u 61 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 u l-Artikolu 40 tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1268/2012. Fost l-oħrajn, għandu jstabbilixxi wkoll dan li ġej:
  - (a) ir-rekwiżiti għall-kontribuzzjoni ta' PRIMA-IS dwar l-indikaturi tal-prestazzjoni stabbiliti fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2013/743/UE;
  - (b) ir-rekwiżiti għall-kontribuzzjoni ta' PRIMA-IS għall-monitoraġġ imsemmi fl-Anness III għad-Deċiżjoni 2013/743/UE;
  - (c) l-indikaturi tal-prestazzjoni speċifiċi relatati mal-funzjonament ta' PRIMA-IS;
  - (d) ir-rekwiżiti għal PRIMA-IS dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ispejjeż amministrattivi u ta' ċifri dettaljati dwar l-implimentazzjoni ta' PRIMA;
  - (e) l-arranġamenti dwar l-għoti tad-data meħtieġa biex jiġi żgurat li l-Kummissjoni tkun tista' tissodisfa l-obbligi tagħha ta' disseminazzjoni u rapportar;
  - (f) l-arranġamenti għall-approvazzjoni jew ir-rifjut mill-Kummissjoni tal-abbozz tal-pjan ta' ħidma annwali, il-prinċipji komuni msemmija fl-Artikolu 6(9) u r-rekwiżiti tar-rapportar tal-Istati Parteċipanti, qabel ma jiġu adottati minn PRIMA-IS; u
  - (g) dispożizzjonijiet għall-pubblikazzjoni ta' sejħiet għal proposti minn PRIMA-IS, b'mod partikolari fuq il-portal uniku għall-parteċipanti, kif ukoll b'mezzi ta' disseminazzjoni elettroniċi oħrajn ta' Orizzont 2020 ġestiti mill-Kummissjoni.

## Artikolu 9

**Terminazzjoni, tnaqqis jew sospensjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni**

1. Jekk PRIMA ma tiġix implimentata jew ma tiġix implimentata kif xieraq, jew tiġi implimentata parzjalment jew tard, il-Kummissjoni tista' tittermina, jew tnaqqas jew tissospendi proporzjonalment il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 3(1) f'konformità mal-implimentazzjoni attwali ta' PRIMA.
2. Jekk l-Istati Parteċipanti ma jikkontribwixxux, jew jikkontribwixxu parzjalment jew tard, għall-finanzjament ta' PRIMA, il-Kummissjoni tista' tittermina, jew tnaqqas jew tissospendi proporzjonalment il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 3(1), b'kont meħud tal-ammont ta' finanzjament allokat mill-Istati Parteċipanti biex jimplimentaw PRIMA.

## Artikolu 10

**Awditi ex post**

1. L-awditi ex post tal-infiq fuq l-azzjonijiet indiretti msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 6(1) ta' din id-Deċiżjoni għandhom jitwettqu minn PRIMA-IS f'konformità mal-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) Nru 1291/2013.
2. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li twestaq l-awditi msemmija fil-paragrafu 1 hi stess. F'dawn il-każijiet, għandha tagħmel dan f'konformità mar-regoli applikabbli, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti (UE, Euratom) Nru 966/2012, (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013.

## Artikolu 11

**Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha tieħu miżuri xierqa biex tiżgura li, meta jiġu implimentati azzjonijiet iffinanzjati skont din id-Deċiżjoni, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jiġu protetti bl-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, permezz ta' kontrolli effettivi u, jekk jinkixfu irregolaritajiet, permezz tal-irkupru tal-ammonti li jkunu tħallsu ħażin u, meta xieraq, permezz ta' sanzjonijiet amministrattivi effettivi, proporzjonati u dissważivi.
2. PRIMA-IS għandha tagħti lill-persunal tal-Kummissjoni u lill-persuni oħra awtorizzati mill-Kummissjoni, kif ukoll lill-Qorti tal-Awdituri, aċċess għas-siti u l-bini tagħha u għall-informazzjoni kollha, inkluż informazzjoni f'forma elettronika, li tkun meħtieġa sabiex isiru l-awditi tagħhom.
3. L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq investigazzjonijiet, inklużi verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, f'konformità mad-dispożizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 <sup>(1)</sup> u r-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup> bil-għan li jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'rabta ma' ftehim ta' għotja jew deċiżjoni dwar għotja jew kuntratt iffinanzjat, direttament jew indirettament, f'konformità ma' din id-Deċiżjoni.
4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1, 2 u 3, il-kuntratti, il-ftehimiet ta' għotja u d-deċiżjonijiet dwar għotja, li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandhom jinkludu dispożizzjonijiet li b'mod espliċitu jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni, lil PRIMA-IS, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-OLAF, biex iwettqu tali awditi u investigazzjonijiet f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom. Meta l-implimentazzjoni ta' azzjoni tiġi esternalizzata jew sottodelegata, kollha kemm hi jew parzjalment, jew meta tkun teħtieġ l-għoti ta' kuntratt ta' akkwist jew appoġġ finanzjarju lil parti terza, il-kuntratt, il-ftehim ta' għotja jew id-deċiżjoni dwar għotja għandha tinkludi l-obbligu tal-kuntrattur jew tal-benefiċjarju li jimponi fuq kwalunkwe parti terza involuta l-aċċettazzjoni espliċita ta' dawk is-setgħat tal-Kummissjoni, ta' PRIMA-IS, tal-Qorti tal-Awdituri u tal-OLAF.

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex ttiproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxja mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

5. Fl-implimentazzjoni ta' PRIMA, l-Istati Parteċipanti għandhom jieħdu l-miżuri legiſlattivi, regolatorji, amministrattivi jew miżuri oħra meħtieġa biex jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, b'mod partikolari biex jiżguraw l-irkupru sħiħ ta' kwalunkwe ammont dovut lill-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 u tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1268/2012.

## Artikolu 12

### Governanza ta' PRIMA

1. Il-korpi ta' PRIMA-IS għandhom jinkludu:

- (a) Bord tal-Fiduċjarji, li għandu jkollu President u Ko-President;
- (b) Kumitat ta' Tmexxija;
- (c) Segretarjat, immexxi minn Direttur;
- (d) Kumitat Konsultattiv Xjentifiku.

2. PRIMA-IS għandha tkun ġestita mill-Bord tal-Fiduċjarji, li fiha huma rrappreżentati l-Istati Parteċipanti kollha. Il-Bord tal-Fiduċjarji għandu jkun il-korp deċiżjonali ta' PRIMA-IS.

Il-Bord tal-Fiduċjarji għandu, wara li jikseb approvazzjoni mill-Kummissjoni, jadotta:

- (a) il-pjan ta' ħidma annwali;
- (b) il-prinċipji komuni msemmija fl-Artikolu 6(9); u
- (c) ir-reqwiżiti ta' rapportar tal-Istati Parteċipanti lil PRIMA-IS.

Il-Bord tal-Fiduċjarji għandu jivverifika li jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(3) u l-punt (c) tal-Artikolu 4(1) u għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar dan.

Il-Bord tal-Fiduċjarji għandu japprova l-parteċipazzjoni fi PRIMA ta' kwalunkwe pajjiż terz mhux assoċjat ma' Orizzont 2020 għajr dawk elenkati fl-Artikolu 1(2) wara li jeżamina r-rilevanza tal-parteċipazzjoni tiegħu biex jintlaħqu l-oġettivi ta' PRIMA.

Kull Stat Parteċipanti għandu jkollu vot wieħed fil-Bord tal-Fiduċjarji. Id-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu b'kunsens. Meta ma jintlaħaqx kunsens, il-Bord tal-Fiduċjarji għandu jadotta d-deċiżjonijiet tiegħu b'maġġoranza ta' mill-inqas 75 % tal-voti validi mitfugħa.

L-Unjoni, irrappreżentata mill-Kummissjoni, għandha tkun mistiedna għal-laqgħat kollha tal-Bord tal-Fiduċjarji bħala osservatur, u tista' tieħu sehem fid-diskussjonijiet. Hija għandha tirċievi d-dokumenti neċessarji kollha.

3. Il-Bord tal-Fiduċjarji għandu jiddetermina l-għadd ta' membri tal-Kumitat ta' Tmexxija, li m'għandux ikun inqas minn ħamsa, u għandu jaħtarhom. Il-Kumitat ta' Tmexxija għandu jwettaq monitoraġġ tal-ħidma tad-direttur u jagħti parir lill-Bord tal-Fiduċjarji dwar l-implimentazzjoni ta' PRIMA mis-Segretarjat. B'mod partikolari, huwa għandu jipprovdi gwida dwar l-implimentazzjoni tal-baġit annwali u dwar il-pjan ta' ħidma annwali.

4. Il-Bord tal-Fiduċjarji għandu jistabbilixxi s-Segretarjat ta' PRIMA-IS bħala l-korp eżekuttiv ta' PRIMA.

Is-Segretarjat għandu:

- (a) jimplimenta l-pjan ta' ħidma annwali;
- (b) jipprovdi appoġġ lill-korpi l-oħra ta' PRIMA-IS;
- (c) iwettaq monitoraġġ u jirrapporta dwar l-implimentazzjoni ta' PRIMA;

- (d) jiġġestixxi l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 3(1) u l-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Istati Parteċipanti u jirrapporta dwar l-użu tagħhom;
- (e) iżid il-viżibbiltà ta' PRIMA permezz ta' promozzjoni u komunikazzjoni;
- (f) jaħdem f'koordinazzjoni mal-Kummissjoni f'konformità mal-ftehim ta' delega msemmi fl-Artikolu 8;
- (g) jiżgura t-trasparenza tal-attivitajiet ta' PRIMA.

5. Il-Bord tal-Fiduċjarji għandu jaħtar Kumitat Konsultattiv Xjentifiku li jikkonsisti minn esperti indipendenti magħrufa, li huma kompetenti f'oqsma rilevanti għal PRIMA. Il-Bord tal-Fiduċjarji għandu jistabbilixxi l-għadd ta' membri tal-Kumitat Konsultattiv Xjentifiku, u l-arranġamenti għall-ħatra tagħhom f'konformità mal-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) Nru 1290/2013.

Il-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv għandu:

- (a) jagħti pariri lill-Bord tal-Fiduċjarji dwar prijoritajiet u ħtiġijiet strateġiċi;
- (b) jagħti pariri lill-Bord tal-Fiduċjarji dwar il-kontenut u l-ambitu tal-abbozz tal-pjan ta' ħidma annwali minn perspettiva xjentifika u teknika;
- (c) jirrieżamina l-aspetti xjentifiċi u tekniċi tal-implimentazzjoni ta' PRIMA u jagħti opinjoni dwar ir-rapport annwali tagħha.

#### Artikolu 13

### Komunikazzjoni tal-informazzjoni

1. Fuq talba tal-Kummissjoni, PRIMA-IS għandha tipprovdi lill-Kummissjoni bi kwalunkwe informazzjoni meħtieġa għat-tħejija tar-rapporti msemmija fl-Artikolu 14.
2. L-Istati Parteċipanti għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni, permezz ta' PRIMA-IS, kwalunkwe informazzjoni mitluba mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill jew mill-Qorti tal-Awdituri dwar il-ġestjoni finanzjarja ta' PRIMA.
3. Il-Kummissjoni għandha tinkludi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu fir-rapporti msemmija fl-Artikolu 14.

#### Artikolu 14

### Evalwazzjoni

1. Sat-30 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni interim ta' PRIMA, bl-assistenza ta' esperti indipendenti. Il-Kummissjoni għandha tħejji rapport dwar dik l-evalwazzjoni li jkun jinkludi l-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni u osservazzjonijiet mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta dak ir-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-31 ta' Diċembru 2022.
2. Sal-31 ta' Diċembru 2028, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni finali ta' PRIMA, bl-assistenza ta' esperti indipendenti. Il-Kummissjoni għandha tħejji rapport dwar dik l-evalwazzjoni li jkun jinkludi r-riżultati ta' dik l-evalwazzjoni u għandha tippreżenta dak ir-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sat-30 ta' Ġunju 2029.

#### Artikolu 15

### Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 16***Destinatarji**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburgu, l-4 ta' Lulju 2017.

*Għall-Parlament Ewropew*

*Il-President*

A. TAJANI

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. MAASIKAS

---

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar garanziji finanzjarji għall-Istruttura ta' Implimentazzjoni tal-PRIMA**

1. B'rabta mal-inizjattiva PRIMA, fl-Artikolu 58(1)(c)(vi) tiegħu, ir-Regolament Finanzjarju tal-UE jistipula li l-Kummissjoni tista' tħalli l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni fidejn korp irregolat mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku (l-istruttura ta' implimentazzjoni). It-tali korp irid jipprovdi garanziji finanzjarji adegwati.
2. Sabiex titħares il-ġestjoni finanzjarja tajba tal-fondi tal-UE, dawk il-garanziji għandhom ikopru kull dejn li l-istruttura ta' implimentazzjoni jista' jkollha mal-Unjoni b'rabta mal-kompiti kollha ta' implimentazzjoni previsti fil-ftehim ta' delega. Is-soltu l-Kummissjoni tistenna li l-garanti jaċċettaw l-obbligazzjoni *in solidum* għad-djun tal-istruttura ta' implimentazzjoni.
3. Madankollu, abbażi ta' valutazzjoni ddetaljata tar-riskju, u b'mod partikulari jekk l-eżitu tal-valutazzjoni tal-pilastru *ex ante* mwettqa fuq l-istruttura ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 61 tar-Regolament Finanzjarju titqies li hija adegwata, l-Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni tal-Kummissjoni li jkun qed jiehru ħsieb l-inizjattiva PRIMA se jipprevedi li:
  - Il-garanziji finanzjarji li l-istruttura ta' implimentazzjoni tintalab tipprovdi jistgħu jkunu limitati għall-ammont massimu tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni, filwaqt li jitqies il-prinċipju tal-proporzjonalità.
  - Bl-istess mod, l-obbligazzjoni ta' kull garanti tista' tkun proporzjonata mas-sehem tal-kontribuzzjoni tagħhom għall-inizjattiva PRIMA.

Il-garanti jistgħu jaqblu fuq il-modalitajiet li bihom se jkopru din l-obbligazzjoni fl-ittri rispettivi tagħhom ta' dikjarazzjoni dwar l-obbligazzjonijiet.

---